**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 9 – IT-TNEJN, 28 TA’ OTTUBRU 2019 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| | |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Kien hemm qbil li jsir minuta silenzu għall-mewt tas-Sur John Borg.

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 8**

1.1 Dwar paragrafu 5.6 għandha tidħol u “jitqabbad xi ħadd professjonali“.

**2 Punti mtella mill-Minuti 8**

2.1 Dwar paragrafu 6.6 ġie nnutat li għad trid issir laqħha mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart.

2.2 Dwar paragrafu 6.4 għandha ssir reminder lill-kuntrattur dwar it-tindif tal-kulvert fi Triq il-Baħar l-Iswed.

2.3 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis staqsa dwar il-proġett pendenti li hemm fi Triq il-Kampanella. Għandu jagħmel reminder lill-Perit biex tipprovdi l-BOQs. Kien hemm diskussjoni ukoll dwar l-applikazzjoni li hemm mal-PA dwar il-Cart Ruts. Ġie nnutat li din l-applikazzjoni qeda recommended għal refusal. Għandu jattendi s-Segretarju Eżekuttiv għall-ismiegħ tas-seduta.

2.4 Is-Sur Joe Aquilina staqsa dwar l-istatus ta' Public Domain għal Wied Għomor. Is-Sindku rrisponda li hu tkellem mal-Ministeru u din għandha tiġi diskussa fil-Parlament.

## 3 Pagamenti Numru 8

3.1 Is Sur Trever Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm qbil ukoll għal pagament ta' 3382.58 Euro ta' Gokker Company Limited kif ukoll il-petty cash għax-xahar ta' Settembru.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar proposta minn kumpanija privata biex din tipprovdi kontenituri fil-lokal fejn residenti jistgħu jiddepożitaw żejt maħruq tal-ikel. Kien hemm qbil li tiġi mitluba laqgħa ma' din il-kumpanija biex jiġu kkjarifikati xi mistoqsijiet.

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar kwotazzjoni għal arbli ġodda għal Ġnien G M Camilleri fil-Kappara. Din il-kwotazzjoni hi mingħand MicaMed u hija ta' 18,880 Euro li tinkludi xiri, twaħħil u wiring ta' arbli u fanali. Is-Etienne Bonello Du Puis irrimarka li din hija għolja ħafna u għandha tinħareġ sejħa pubblika. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li din il-kumpanija hija l-kumpanija li tipprovdi dawl pubbliku għal 16-il Kunsill fil-Kumitat konġunt tad-dawl. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ikkonferma imma irrimarka li l-Kunsill mhux obbligat li jagħmel użu minn din il-kumpanija.

7.20pm - Is-Sur Etienne Bonello Du Puis skuża ruħu mil-laqgħa u kien hemm recess ta' 10 minuti.

4.2.1 Hemm tender dwar dawl pubbliku li huwa mal-kumitat konġunt ma' 16-il Kunsill li għadu in vigore u li l-Kunsill ilu jagħmel użu minnu għal snin twal. Is-Sindku ppropona li tiġi aċċettata din il-kwotazzjoni ta' MicaMed, mhux biss għax huwa l-kuntrattur tal-Kunsill imma fid-dawl tal-periklu li hemm f'dan il-ġnien u għalhekk hemm urġenza kif identifikat fil-health and safety report tal-ġonna. Is-Sinjura Tania Borg issekondat. Kien hemm 5 favur u 3 astensjoni.

## 5 Korrispondenza

5.1 Giet diskussa talba minn organizzazzjoni mit-Turkija biex issir żjara ta' korteżija fil-lokal tagħna. Kien hemm qbil li tiġi aċċettata din it-talba.

5.2 Kien hemm diskussjoni dwar talba minn kumpanija biex tipparkja żewġ karozzi Smart fuq bankina wiesgħa fi Triq tal-Balal kantuniera ma' Triq Salvu Busuttil biex dawn jintużaw għal reklam. Kien hemm qbil unanimu li din it-talba ma tiġix aċċettata u minflokk isir Street Furniture.

5.3 Kien hemm qbil li jiġu ordnati diaries għas-sena 2020.

5.4 Kien hemm talba għal Un/loading minn kumpanija fi Triq in-Narċis. Kien hemm qbil unanimu li din it-talba ma tiġix aċċettata.

5.5 Kien hemm qbil li tiġi mħallsa 15-il Euro għal EKO skola.

5.6 Kien hemm qbil li napplikaw għal European Week for Waste Reduction. Kien hemm qbil li għal din norganizzaw kompetizzjoni għar-residenti għal proġetti ta' upcycling. Dawn għandhom jiġu esibiti għal din il-ġimgħa.

## 6 Affarjiet ohra

6.1 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici lmenta li hemm iż-zebra crossing fi Triq il-Balal quddiem l-Ulimate mingħajr dawl. Għandha ssir talba lil IM. Hemm tabella No left turn fi Triq il-Lunzjata li qegħda qabel il-kantuniera. Għandha ssir

suġġeriment lil IM biex tiġi modifikata l-kantuniera ta' Triq tal-Balal kantuniera ma’ Triq Ismek Tifħirek biex ikunu jistgħu jidħlu l-karozzi aħjar.

6.2 Is-Sinjura Joan Farrugia lmentat li kien hemm xi inviti li ma waslux għand il-kunsilliera u l-istaff. Talbet ukoll biex jiġu miżbura xi siġar fi Triq G. Gianni.

6.3 Is-Sur Dominic Cassar ilmenta li hemm bżonn xi żbir fi Triq Wied Għollieqa. Fi Triq Ugo Carbonaro hemm plot bil-barrier. Hu kkonferma li s-siġar tal-Milied ser jiġu rranġati mill-kuntattur tal-Kunsill. Hu fakkar li għad m'hemmx dawl fiż-zebra crossing ta' Triq Bellavista kantuniera ma’ Triq San Ġużepp. Hu ġab għall-attenzjoni li qed ikun hemm ħafna ilma ma’ Bus Stop fi Triq tal-Balal fejn l-Ultimate. Is-Sindku rrisponda li hemm drain li kien miżdud, dan tnaddaf minn ħaddiem ta' IM.

6.4 Is-Sur David Dalli ġab għall-attenzjoni li hemm bżonn patching fi Triq in-Naxxar u fi Triq San Ġiljan, kif ukoll tiswija fil-bankina quddiem l-iskola fi Vjal ir-Riħan. Hu fakkar li hemm bżonn isir xogħol fuq is-central strip f’Misraħ Lourdes. Hu ġab għall-attenzjoni li kien hemm inċident tat-traffiku fi Triq il-Baltiku u li fi Triq iċ-Ċirasa hemm tower crane.

6.5 Is-Sur Joe Aquilina lmenta li hemm bankina temporanija fi Triq Birkirkara kantuniera ma’ Triq il-Gallina mkissra. Hu lmenta wkoll li x-xogħol fuq l-underpass bejn il-Kappara u l-Gżira reġa’ waqaf.

6.6 Is-Sur Violet Bajada talbet biex issir doggie bin fi Triq Bellavista. Hi lmentat li hemm plot privata fi Triq il-Baruża li hija maħmuġa.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.20pm. Ġie deċiz li laqgha li jmiss issir it-Tnejn 11 ta' Novembru 2019 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**